**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**SARAH ZAMMIT**

**Illum, 5 t'Ottubru 2022**

**Kaz. Nru; 534/13**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Sarah Zammit** ta' tmintax (18) il-sena bint Anthony u Jacqueline nee' Grima imwielda Pieta fid-19 ta' Jannar 1991 prezentement residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 63891M, akkuzata talli fis-17 ta' Mejju 2009 u fil-jiem ta' qabel din id-data waqt li kien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u f'dawn il-Gzejjer,

1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-tabib principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement

ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ittantat taghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew hajret jew geghlet persuna ohra taghmel dak ir-reat bi ksur tal-artikolu 22(5) tal-Kap.101 tal-Ligjiet ta' Malta;
3. B'hekk saret recidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li f'kaz ta' sejbien ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 33 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha esebieti inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri data 28 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema dina l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet ghas-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti hekk kif diversament preseduta;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghas-17 ta' Mejju 2019 u l-granet ta' qabel u dana wara li l-kugina tal-qua imputata Simone Grixti inqabdet *flagrante delicto* ddahhal id-droga gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan in segwietu ghal tfittxija li saret fil-pussess taghha mill-ufficcjali tal-istess Facilita'. L-espert xjenzat, Mario Mifsud, wara li analizza s-sustanza misjuba fil-pussess ta' Simone Grixti kkonkluda:

> *"Ghaldaqstant, mir-rizultanzi miksuba l-esponent, Mario Mifsud Manager tal-Laboratorju Forensiku, jista' jikkonkludi li t-trab ta' lewn kanella li kien hemm fil-borza zghira tal-plastik trasparenti, fid-dokument 158/12/01 instabet fih is-sustanza Herojina. Il-purita tat-trab ta' lewn kannella, li kien hemm fil-borza tal-plastik f'ammont net*

*totali ta' 0.89grammi, ghas-sustanza herojina kienet ta' circa 21.6%. Is-sustanza Herojina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima 1 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[1]

Illi fl-istadju tal-investigazzjonijiet mill-pulizija l-qua imputata rrillaxxat stqarrija lill-pulizija. Dan sar 17 ta' Mejju 2009 minghajr ma l-imputata nghatat id-dritt ghall-assistenza legali u dana tenut kont li dak iz-zmien il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt. Permezz tal-verbali fl-udjenzi tal-24 t'April 2017 u 23 ta' Mejju 2022, l-imputata qed titlob lil din il-Qorti tiskarta l-imsemmija stqarrija u dana ghaliex l-istess giet mehuda minghajr ma hija nghatat id-dritt ghall-assistenza legali u ghaldaqstant b'possibli ksur tad-drittijiet taghha. F'din l-istqarrija l-qua imputata inkriminat lilha nnifisha sal-punt li l-imsemmija stqarrija hija wahda mill-provi principali tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-qua imputata. Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kif ukoll tent kont il-guriprudenza ricenti bbazzata fuq il-principji li jemanu mill-insenjament mghoti permezz tas-sentenza Bueze vs. Belgium, din il-Qorti ser tiskarta l-imsemmija stqarrija sabiex tistabillixi r-reita o meno tal-imputata ghall-imputazzjonijiet odjerni.

Illi konsegwentament l-unika prova rimanenti fil-konfront tal-qua imputata hija x-xhud Simone Grixti u cioe' dik il-persuna li nqabdet *flagrante delicto* fil-pussess tal-imsemmija sustanza waqt tfittxija li saret fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin meta marret izzur lill-qua imputata li hija kuginita.

Jibda biex jinghad li Simone Grixti hadet il-pedana tax-xhieda wara li l-proceduri fil-konfront taghha gew *res judicata.* Fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti Grixti iddikjarat li ma kinitx 'il qua imputata li talbitha ddahhal id-droga gol-habs izda kienet inizzjattiva taghha biss. Dan huwa l-kuntrarju ta' dak li l-istess Grixti kienet qalet fl-istqarrija taghha lill-pulizija minn fejn jirrizulta li skond Grixti stess kienet il-qua imputata li nsistiet maghha sabiex igibilha d-droga. Illi wara li din il-Qorti analizzat ix-xhieda mghotija minn Grixti jirrizulta b'mod car li t-testimonjanza taghha assolutament ma ghandhiex mis-sewwa. Fix-xhieda taghha, fiz-zewg istanzi, hija ppruvat kemm il-darba tahrab mid-domandi li qed isirulha, u anke adirittura iddikjarat li ma tiftakarx meta huwa car li hija kienet tiftakar.

B'referenza ghall-istqarrija tax-xhud Grixti, jinghad li din giet esebieta mill-prosekuzzjoni fl-iter tat-testimonjanza tal-istess Grixti bhala mezz ta' kontroll tax-xhud. Din l-istqarrija kienet mehuda fis-17 ta' Mejju 2009 u kif qal tajjeb l-avukat difensur din l-istqarrija ma gietx ikkonfermata bil-gurament quddiem Magistrat Inkwerenti. Konsegwentament id-disposizzjoni tal-artikolu 24A (12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx ghal din l-istqarrija.

[1] Fol. 106 tal-atti processwali.

Waqt ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti, l-ufficcjal prosekutur ghamel referenza ghal diversi brani tal-istqarrija rrillaxxata minn Grixti. Wara li nqraw dawn is-siltiet, Grixti nnegat li din kienet il-verzjoni vera ta' kif sehhew l-affarijiet u tat verzjoni ohra li hekk kif intqal izjed 'il fuq ma hija xejn kreddibli.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Victor Gauci[2] nghad:

> *"Kif dejjem gie ritenut, in linea generali, bl-eccezzjoni ta' xi reati partikolari, meta tigi esebita stqarrija ta' xi xhud, bhal ma gara fil-kaz in ezami, dak li hemm f'dik l-istqarrija qatt ma ghandu valur probatorju izda jintuza biss ghall-fini tal-kontroll ta' dak ix-xhud sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeciedi jekk dak ix-xhud hux kredibbli jew le f'dak li jkun qed jixhed quddiemha waqt il-proceduri u fil-presenza ta' l-akkuzat. Jekk il-Qorti tasal sabiex ma temminx dak li x-xhud ikun qed jghid quddiemha, ma ghandhiex, b'daqshekk, tissostitwixxi dik ix-xhieda guramentata b'dak li x-xhud ikun qal fl-istqarrija tieghu mhux guramentata. Dik l-istqarrija tintuza biss, kif intqal, sabiex tigi kkontrollata l-kredibilita` tax-xhud, sabiex il-Qorti tara jekk dak li qed jixhed hux veritier jew le."*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, l-istqarrija tax-xhud Simone Grixti, tista' tigi uzata biss ai fini ta' kreddibilita' ta' l-istess xhud. L-istess stqarrija ma ghandha l-ebda valur probatorju ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-qua imputata.

Stabbilit dan u galadarba gie skartata l-istqarrija rrillaxxata mill-imputata, din il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova li tista' torbot lill-qua imputata mal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha galadarba fix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti Grixti baqghet tinnega l-involviment tal-qua imputata fil-kaz odjern.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qed issib lill-qua imputata, Sarah Zammit, mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u konsegwentament qed tillibera mill-istess.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru iktar qabel f'din is-sentenza, din il-Qorti qed tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Simone Grixti ghar-reat ta' spergur.

---

[2] Mghotija fis-26 ta' Jannar 2001

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**